MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2008

Appell Kriminali Numru. 354/2007

**Il-Pulizija**
**(Spt. Carmelo Abdilla)**
**Vs**

**Roger Mangion**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fl-14 ta’ Mejju, 2005, ghall-habta ta’ 22.45 hrs gewwa Triq Gort, San Giljan, bil-lejl, kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes, jew b’mod iehor.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-11 t’Ottubru, 2007, li biha, wara li rat l-artikolu 338(m) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati w ikkundannatu ghal ammenda ta’ hamsa w ghoxrin liri Maltin (LM25).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-18 t'Ottubru, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka w thassar is-sentenza appellata w konsegwentement tilliberah mill-imputazzjoni dedotta kontra tieghu.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' li kien hemm applikazzjoni zbaljata tal-principji guridici dwar il-grad tal-prova mehtiega fil-kamp kriminali biex imputat jinsab hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontrieh; li saret applikazzjoni zbaljata tal-artikolu 338(m) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda fl-udjenza tas-6 ta' Dicembru, 2007;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-Ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghall-udjenza tal-lum ghas-sentenza ;

Ikkonsidrat;

Illi mix-xhieda mismugha l-fatti saljenti tal-kaz jirrizultaw li huma s-segwenti :-

**DAVID ALAMANGO** xehed li fit-18 ta' Mejju, 2007, l-appellant qabbad il-*generator* fis-6am u bl-istorbju li ghamel ma jista' jorqod xejn.. Dan il-*generator* jixghel awtomatikament meta jkun hemm xi *black out* tal-elettricita'. L-istess gara fl-14 ta' Mejju, f' xil-hdax nieqas kwart ta' bil-lejl. Mta jixghel dal-*generator*, jibda' jixxejkja l-post u tisma' hoss "zzzzzzzz" li ma toqghodx bih, anki bit-twieqi maghluqin. Il-*generator* qieghed fuq il-bejt ta' fuqu w ir-restaurant tal-appellant jigi tahtu. Il-*generator* kbir u gholi.

In kontroezami, xehed li dak in-nhar il-*generator* dam mixghul xi nofs siegha. Mbaghad hu qam, libes malajr u mar ghand il-Pulizija ghax ma kienx jissaporti l-hoss.

**PS 419 A BUTTIGIEG**, fl-affidavit tieghu a fol. 7, xehed li fl-14 ta' Mejju, 2007, ghall-habta tal-10.30pm kien mar l-ghassa San Giljan, David Alamango jirraporta li ma setax jorqod minhabba li kien qed jigi disturbat minn *generator* li tpogga fuq il-bejt komun tal-blokka ta' fejn joqghod hu. Hu mar fuq il-post u minn gol-fond ta' Alamango seta' jisma' hsejjes ta' generator. Tela' wkoll fuq il-bejt u hemm ra *generator* ta' lewn car u kbir madwar 10 pied fit-tul u madwar 4 piedi fil-wisgha li kien qaed jiffunzjona. Hu umbaghad nizel fl-Avenue Restaurant u hemm kellem lill-appellant li stqarr li l-*generator* kien tieghu u li kien xeghelu minhabba li l-kurrent tal-elettriku kien maqtugh. Ix-xhud kien informa lill-appellant li kien ser jakkuzah li bil-lejl kien qed jikser il-mistrieh tan-nies.

**L-APPELLANT** xehed li dan il-*generator* ilu installat hemm sitt snin mill-2001. L-ewwel darba li sar *complaint* fuq din l-akkuza. Ilhom ihaddmuh minn mindu twahhal, meta jmur id-dawl u jkun hemm xi emergenza biss. Jixegheluh huma mhux jixghel wahdu. Dak in-nhar mar id-dawl ghall-habta tal-10pm. u kellhom xi mitejn ruh jieklu dak il-hin u xegheluh. Wara xi hames minuti ntefa' w regghu telghu jixeghuh. Rega' ntefa' wara hames minuti w, mat-tielet darba, kif kienu nezlin it-tarag, rega' ntefa' w telgha huh fuq il-bejt u sab lil David Alamango hdejh li beda jitfiegh mill-*emergency switch.* Kien hemm il-barman ukoll ma huh imma dawn ma xehdux f' din il-kawza quddiem l-Ewwel Qorti. Hdejn Alamango hemm bar bil-Karioke li jdum miftuh sat-3am. kwazi kulljum. Dak in-nhar il-*generator* xeghel ghall-bzonn u dam xi tlitt kwarti mixghul mill-10 pm. sal-10.45pm.

Ikkonsidrat;

Illi ghalhekk jidher assodat li bhala fatt l-appellant stalla fuq il-bejt tal-blokk flats adjacenti ghal dak fejn jghix il-parte civile impjant imdaqqas sew ta' *emergency generator* li jinxteghel kull meta jmur l-elettriku biex ir-

restaurant gestit mill-appellant ikun jista' jiffunzjona. Meta jinxteghel dan l-impjant, jaghmel certu hoss u vibrazzjoni li jinstema' u tinhass mill-fond tal-parte civili, kif irrizulta anki mid-depozizzjoni tas-Surgent li mar fuq il-post fil-jum u hin indikati fl-imputazzjoni. Dan l-impjant ilu hemm sitt snin u qatt ma sar ilment dwaru qabel la mill-parte civile u lanqas mill-okkupanti l-ohra tal-blokk jew mill-girien. Bejn il-bejt u l-flat tal-parte civile hemm flat ta' terzi. Irrizulta ukoll li fil-jum u hin imsemmija fil-komparixxi kien hawn "general blackout" u l-appellant kien ghamel uzu mill-generator biss ghal xi 45 minuta.

Ikkonsidrat;

Illi partijiet ghamlu riferenza ghall-diversi sentenzi li jirregolaw il-materja in dizamina.

Hekk l-appellant iccita s-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta **:"Il-Pulizija vs. Michael Grech"** [30.4.1998] fejn gie ritenut li sabiex jirrizulta r-reat ta' inkonvenjent, tali inkonvenjent ghandu jkun serju fis-sens oggettiv u ghandu jkun wiehed sostanzjali w mhux ragonevoli. Il-fatt illi gar partikolari wiehed biss minn triq affollata bir-residenti jibqa' jinsisti li jezisti inkonvenjent mhux bizzejjed biex tinstab htija w fil-grad rikjest mill-ligi. F' materja simili dak li ghandu jigi applikat minn gudikant huwa l-ezami oggettiv.

Iccita ukoll is-sentanza ta' din il-Qorti fil-kawza **" IL-Pulizija vs. Anthony Chetcuti u Gorg Galea"** [16.12.1946], fejn gie ritenut li jekk biex tigi indotta r-responsabbilta' civili hemm bzonn li tigi ecceduta il-mizura li r-rigward tal-boin vicinat jimponu li tigi normalment rispettata, biex tigi indotta responsabbilta' kriminali hemm bzonn li l-fatt ikun tali li jikkostitwixxa *'a nuisance'* jigifieri, kif inghid fil-kawza **"Walter vs. Selfe"** citata fil-ktieb "Words and Phrases Judicially Defined" - Burrows , Vol. III, p. 524, *"substantial inconvenience and material discomfort"*. Ghalhekk hemm bzonn li l-inkonvenjent ikun gravi u mhux facilment tollerabbli w li jkun kontinwu w intens. Jekk ma jirrikorrux dawn l-elementi, allura ma jidhirx li l-kaz jaqa' taht is-sanzjoni tal-ligi, ghaliex kieku

jkun jikkolpixxi anki l-kazijiet ta' inkonvenjent hafif, allura l-hajja socjali tkun tkun kwazi impossibbli.

L-appellant isostni ghalhekk li f' dan il-kaz ma rrizultax li l-inkonvenjent kien kontinwu w intens u ghalhekk l-art. 338(m) tal-Kodici Kriminali gie applikat zbaljatament.

Invece l-Prosekuzzjoni ccitat minn sentenzi ohra ta' din il-Qorti diversament preseduta.
Hekk fl-Appell Kriminali **"Il-Pulizija vs. Raymond Spiteri"** ([20.11.1998] per V. De Gaetano J.) intqal li :-

*"Meta l-kwistjoni tirrigwarda inkonvenjent ikkagunat minn hsejjes, il-prova tista' - u fil-maggor parti tal-kazijiet ghandha - issir permezz tal-persuna jew persuni li jkunu qed jissubixxu dak l-inkonvenjent. Normalment, ghalhekk, ma jkunx hemm bzonn ta' ebda espert tekniku, li sakemm imur fuq il-post jistghu jkunu ittiehdu l-mizuri kollha sabiex l-inkonvenjent jigi minimizzat jew imnehhi ghal kollox. F'kazijiet bhal dawn spetta ghall-Qorti, fil-gudizzju u fid-dehen taghha, li tivvaluta d-depozizzjoni tal-persuni li jkunu qed jilmentaw mill-inkonvenjent u li tiddeciedi, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, jekk il-hsejjes humiex verament ta' inkonvenjent jew le."*

Giet citata ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza "**Il-Pulizija vs. Fortun Fava"** ([5.2.1998] per V. De Gaetano J.) fejn gie ritenut li :-

*"Sia ghall-finijiet ta' l-artikolu 338(m) tal-Kodici Kriminali kif ukoll ghall-fini ta' l-artikolu 41 (2) tal-Kap.10, l-inkonvenjent li jrid jirrizulta mhux xi haga oggettivament rilevabbli bi strument u kalkoli tal-fizika, izda ghandu jirrizulta mid-depozizzjoni jew depozizzjonijiet ta' min ikun qed ibaghti minn dak l-inkonvenjent. Dak il-hoss li ghall-espert jista' jkun hoss fi grad minimu, ghal haddiehor u specjalment jekk jikkonkorru certi cirkostanzi, bhal per ezempju mard, jista' jkun inkonvenjent enormi. Hu dejjem imholli fil-gudizzju prudenti tal-gudikant li jivvaluta c-cirkostanzi u l-provi kollha biex jara jekk fil-kaz konkret kienx hemm l-inkonvenjent li qed jipprova jipprevjeni l-*

*legislatur bid-dispozizzjoni in dizamina. U dan l-ezercizzju normalment jista' jsir minghajr il-htiega ta' esperti."*

Ikkonsidrat;

Li din il-Qorti ttendi li tabbraccja aktar l-impostatura moghtija fl-ahhar zewg sentenzi ghaliex hawn il-ligi fl-inciz (m) tal-art. 338 ma timponi ebda rekwiziti ta' kontinwita' jew intensita'. Kull ma tghid il-ligi hu li jkun hemm il-kontravvenzjoni meta bil-lejl, xi hadd jikiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat, jew mod iehor. Di fatti jkun hati ta' din il-kontravvenzjoni wkoll minn xi darba jfettillu johrog jghajjat fit-triq b' mod li jqajjem in-nies anki jekk ma jkunx dam jghajjat hafna w anki jekk ma jkollux lehnu qawwi daqs xi tenur jew baritonu. Dan hu reat istantanju li javverra ruhu malli jkun hemm xi hoss jew ghajjat li jiddisturba l-mistrieh tan-nies. Ma hemmx bzonn li tirrikorri xi intenzjoni specifika li jiddisturba lin-nies fil-mistrieh taghhom da parti ta' min jikkaguna l-hoss jew ghajjat. Bizzejjed li dan ikun att volut trattandosi ta' reat kontravvenzjonali. Ghalhekk hi x' inhi r-raguni ghala jkunu saru l-hsejjez jew l-ghajjat, jekk dawn jiksru l-mistrieh tan-nies bil-lejl, tissussisti l-kontravvenzjoni.

Issa f' dan l-kaz jirrizulta li wara l-10 pm.sal-10.45pm. - li hu certament hin ta' bil-lejl u anki hin tal-mistrieh ghal min josserva hinijiet normali ta' rqad - inxteghel il-generator, sia pure ghal raguni li mar id-dawl pubbliku. Imma hi x' inhi r-raguni, ladarba jkun hemm il-hoss u dan hu kalkolat li jiddisturba l-mistrieh tan-nies, il-kontravvenzjoni tkun tezisti. Mid-depozizzjoni ta' Alamango korroborata minn dik tas-Surgent jirrizulta abbondantement li hoss kien hemm u li dan kien jinstema' mill-fond ta' Alamango fi grad li jikser il-mistrieh ta' Alamango.

Ghalhekk l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha, li prezumibbilment huma l-istess li ngabu quddiem din il-Qorti, setghet liberament waslet ghall-valutazzjoni li ghamlet meta sabet lill-appellant hati tal-akkuza dedotta kontra tieghu w din il-Qorti ma tara li hemm ebda raguni impellenti la mil-lat guridiku w inqas u inqas mill-aspett

fattwali ghaliex ghandha tvarja jew thassar l-apprezzament tal-fatti li saru mill-Ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------